# Fraternità

Il-Papa Benedittu XVI riċentement saħaq li flimkien mal-ideali politiċi klassiċi tal-għaqda, tal-libertà, l-ugwaljanza, u l-progress, jeħtieġ li tingħata l-importanza mistħoqqa lill-valur tal-fraternità.

Il-Pontefiċi aċċenna, f'diversi okkażjonijiet li l-iżvilupp ekonomiku jeħtieġ li jkun sostnut mil-loġika tal-fraternità, u li l-istess progress għandu jirrispetta d-dinjità tal-persuna u jseddaq il-gratitudni bejn il-bnedmin.

Storikament dan il-valur nisrani għandu għeruq fondi fil-kultura politika Ewropea. Il-fraternità kienet waħda mit-tliet ideali ċelebri tar-Rivoluzzjoni Franċiża, ġrajja li, ispirata mill-Illuminiżmu, heżżet u kinset id-despotiżmu u l-monarkija assoluta, u mhux biss wittiet it-triq, iżda fetħet beraħ il-bibien għall-kisbiet tal-libertà, l-ugwaljanza u d-demokrazija fl-Ewropa tas-seklu tmintax.

Riċentement ukoll, kien il-President Emeritus Eddie Fenech Adami li għamel enfasi partikulari fuq dan il-ħsieb dwar il-valur tal-fraternità meta kien qed jagħti l-messaġġ tiegħu fl-okkażjoni tal-avveniment ta' solidarjetà ta' kull sena b'risq il-*Community Chest Fund*, l-Istrina. Semma dan fil-kuntest ta' valur ieħor li l-poplu Malti tant jgħożż – is-solidarjetà, u saħaq li għandna nħossuna responsabbli għal xulxin.

Il-politiku għandu jitkellem meta hemm bżonn, u meta jara inġustizzji jew jemmen li l-affarijiet jeħtieġ li jinbidlu, b'lealtà lejn il-prinċipji tiegħu u tal-partit li fih jimmilita, u skont il-valur tas-sewwa.

Kultant iktar faċli li l-politiku ma jitkellimx, iżda meta politiku jagħżel it-triq iebsa li jsemma' leħnu biex ikun il-vuċi ta' min qed ibati jew għaddej minn diffikultajiet, jew favur id-demokrazija u d-drittijiet fundamentali, dan ukoll hu sens ta' fraternità.

Il-Partit Nazzjonalista minn dejjem kellu fi ħdanu politiċi li tkellmu b'kuraġġ u ġġieldu għas-sewwa. B'mod konkret il-Partit, partikolarment fl-aħħar tas-snin tmenin u l-bidu



minn **Franco Debono**
www.francodebono.info

tad-disgħinijiet, wara li kien iġġieled biex jirripristina d-demokrazija f'pajjiżna, meta kienu qed jinbnew is-sisien tal-istrutturi ekonomiċi moderni ta' pajjiżna, taħt it-tmexxija ta' Fenech Adami dejjem applika dan il-prinċipju, speċjalment billi bbilanċja l-mekkaniżmi tas-suq ħieles bil-moderazzjoni tar-ruħ soċjali (*social market economy*). Wieħed jista' jargumenta li dan kien fattur determinanti li pproteġa s-suq tagħna, fl-istess waqt li swieq oħra kienu qed jikkrollaw u dak li sa ftit qabel deher sod kien qed jiġġarraf.

Kelli opportunità nitkellem dwar dan fi Djalogu nhar il-Ħadd li għadda fil-każin tal-partit f'Birkirkara flimkien mal-Prim Ministru u mal-Ministru Joe Cassar.

Semmejt ukoll kif il-valur tal-fraternità m'għandux rilevanza biss għal dak li jikkonċerna lil dawk li jkunu qrib tagħna, fis-soċjetà tagħna, jew f'pajjiżna, biss, iżda wkoll bħala sentiment li għandu jirrenja bejn il-ġnus, fuq skala globali.

Kif issottolinea l-Papa, minkejja li l-proċess ta' globalizzazzjoni ġab lill-bnedmin eqreb lejn xulxin, u ċekken id-distanzi, dan waħdu ma kienx biżżejjed biex iseddaq l-ispirtu ta' fraternità.

Il-komunità internazzajonali spiss tirreaġixxi b'solidarjetà għal diffikultajiet politiċi f'xi pajjiż, jew ngħidu aħna xi katastrofi naturali, mnebbħa mill-valur tal-fraternità, u dan juri kemm hu importanti li dan is-sentiment ikun kultivat u intensifikat għax b'hekk biss il-komunità internazzjonali tista' tegħleb ċerti sfidi u diffikultajiet.

Is-solidarjetà bejn il-ġnus, ir-rispett reċiproku, it-tolleranza, mhux l-inqas dik reliġjuża, kif ukoll dan id-don, kif sejjaħlu l-Papa, 'sopranaturali' tal-fraternità huma l-muftieħ għal stabbiltà u paċi fil-komunità internazzjonali.

Is-solidarjetà hi waħda mill-karatteristiċi li jsawru l-karattru tagħna u jiddistingwuna bħala poplu, hi waħda mit-timbri qawwija fl-identità tagħna.

Nagħmlu sforz ikbar biex inwessgħu dan is-sentiment u nseddqu l-fraternità, individwalment u kollettivament, bejnietna bħala poplu, b'solidarjetà, b'tolleranza u rispett lejn id-differenzi ta' bejnietna, u nseddqu l-fraternità bħala pajjiż mhux biss fir-reġjun tagħna iżda wkoll lil hinn f'din id-dinja li llum assumiet dimensjonijiet ta' villaġġ globali.

---

## L-onorarja tad-Deputati

minn **Joe Mizzi**,
Whip tal-Grupp Parlamentari Laburista

Nirreferi għall-artiklu tal-Onor Philip Mifsud f'*il-mument* tat-30 ta' Jannar.

Philip qal: "Ir-reazzjoni fjakka ta' Joe Mizzi għall-artiklu tiegħi ta' nhar it-Tnejn 10 ta' Jannar, minnha nnifisha hi prova li jien kont qed ngħid is-sewwa. Kieku ma kienx hekk, kieku Joe Mizzi kien ikun pront jagħmilli Ksur ta' Privileġġ".

Jekk il-'prova' li qed jara Philip Mifsud hi marbuta mal-ksur ta' privileġġ, ninforma lill-Onor Membru Nazzjonalista li veru ma jafx x'qed jgħid. Il-każ li qed jipprova jqajjem Philip Mifsud, skont ir-Regoli tal-Ksur ta' Privileġġ ma japplikax.

Nerġa' nirrepeti għal ma nafx kemm-il darba: niċħad kategorikament li jien kont naf li l-Ministri ngħataw iż-żieda. Niċħad kategorikament li jien lil Philip Mifsud f'xi okkaż-joni qatt għedtlu li kont naf dwar l-Onorarja tal-MPs. Min jgħid hekk ikun qed jigdeb.

Issa niġu għar-*recordings* li qed isemmi Philip Mifsud. Nistieden biex jew jisma' r-*recording* jew jitlob għat-*transcript* tal-ispjegazzjoni dettaljata li tajt jien waqt il-laqgħa tal-Kumitat tax-Xogħol tal-Kamra li saret fit-2 ta' Frar.

## Il-moviment liberu tas-servizzi fl-oqsma riservati

Ftit taż-żmien ilu segwejt il-mawra li għamel Mark Rutte, il-Prim Ministru Olandiż, lil David Cameron.

Mil-laqgħa ta' dawn ħarġet alleanza ta' ħsibijiet ta' kif l-Unjoni Ewropea trid tirrispondi għall-aspirazzjonijiet u l-ansjetajiet taċ-ċittadini Ewropej.

Rutte u Cameron jaħsbu li l-aħjar mod kif jingħeleb il-pessimiżmu u x-xettiċiżmu tal-Ewropej hu billi nikkonċentraw fuq it-tkabbir ekonomiku li l-Unjoni tista' toffri. Minflok ma taħseb kif se tinfiltra f'oqsma oħra ġodda, l-Ewropa għandha bżonn l-ewwel nett tfannad l-integrazzjoni ekonomika.

Flok ir-retorika ta' Ewropa dejjem aktar armonizzata f'oqsma differenti, skont Rutte u Cameron, jeħtieġ li l-Ewropa tikkonċentra fuq azzjonijiet li jiftħu s-suq u b'hekk idawru r-rota ekonomika.

F'dokument reċenti tal-Kummissjoni jidher ċar li fl-Unjoni, fejn suppost il-kumpaniji li jipprovdu s-servizzi jistgħu jbigħu s-servizzi tagħhom fil-pajjiżi kollha mingħajr l-ebda restrizzjoni, għad baqa' fil-fatt madwar tmien mitt professjoni riservata jew regolamentata.

Dawn huma oqsma fejn dawk li jkunu diġà fis-suq jorganizzaw ruħhom b'mod li jiffurmaw serje ta' regoli jew kundizzjonijiet li jiddettaw kif wieħed irid iġib ruħu biex jikkwalifika għal dik il-kategorija u biex ikun jista' jagħti s-servizzi tiegħu fil-pajjiż partikolari.

F'ċerti oqsma r-regolamentazzjoni tal-professjoni tkun importanti. Insemmu per eżempju n-nutara, li jridu jkunu garanti tal-fiduċja pubblika u jaqdu funzjoni f'isem l-Istat. Iżda f'oħrajn din ir-regolamentazzjoni tal-professjoni tista' tkun ridikola.

Il-Kummissjoni ssemmi li fost l-oqsma regolamentati hemm dawk tal-fotografi, il-*barmen* u ta' dawk li jagħmlu l-kurpetti! Ir-riżultat hu li, per eżempju, biex fotografu Malti jagħmel xogħol fi Franza l-ewwel ikollu juri li hu kwalifikat għal dak ix-xogħol skont il-liġi Franċiża.

Ir-risposta tal-Unjoni għal dan kienet id-Direttiva tas-Servizzi li issa qed tibda tiġi implimentata fil-pajjiżi kollha tal-Unjoni. Din id-Direttiva għandha tibda twaqqa' l-ħitan f'dawn is-setturi u tiftaħ it-triq għal mobbiltà akbar għall-ħaddiema u l-kumpaniji li jridu jestendu s-servizzi li joffru lil hinn minn pajjiżhom. Il-problema tibqa' li dan jiddependi ħafna fuq kemm il-pajjiż partikulari jkun impenjat biex jimplimenta d-Direttiva.

F'intervista mal-*Guardian*, Mark Rutte jattakka dan il-punt u jgħid li qed jibni alleanza bejn numru ta' pajjiżi biex jipproponi mini-suq intern fejn il-professjonijiet kollha jkunu liberalizzati.

F'laqgħa ma' Barroso aktar kmieni l-ġimgħa l-oħra Rutte fil-fatt jipproponi l-possibbiltà tal-kooperazzjoni rafforzata bejn grupp ta' pajjiżi li jkunu jridu jimxu 'l quddiem għal progress ta' veru f'dan il-qasam.

Il-kooperazzjoni rafforzata hu mekkaniżmu li suppost jintuża fejn ma jkunx hemm qbil fuq azzjoni Ewropea bejn il-pajjiżi kollha u allura numru minnhom ikunu jistgħu jmexxu xorta waħda u l-oħrajn ikunu jistgħu jingħaqdu wara jekk iridu.

L-ironija hi li fil-każ tas-servizzi l-Unjoni ilha tagħti l-għodda kollha biex ikun hemm liberalizzazzjoni sħiħa minnufih. Il-moviment ħieles tas-servizzi ilu wieħed mid-drittijiet fundamentali fit-Trattati ġa mill-1958!

Li jonqos għal moviment liberu ta' vera m'humiex l-ideat ta' kooperazzjoni bejn numru ta' pajjiżi li teskludi lil dawk il-pajjiżi protezzjonisti. Li jonqos verament fis-servizzi, bħal f'oqsma oħra, hu l-impenn veru u sinċier li dak li jkun miftiehem fuq il-karta madwar il-mejda fi Brussell jiġi segwit b'entużjażmu u implimentat fis-27 kapitali madwar l-Ewropa.



minn **Peter Agius**
agius@telenet.be

**Alleanza bejn numru ta' pajjiżi għal mini-suq intern fejn il-professjonijiet ikunu kollha libralizzati**